# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Ottubru 2017**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 1096/2015**

**Avukat Edward Debono bħala mandatarju f'isem is-soċjetà *BNP Paribas (Suisse) SA***

***v.***

**Jean Pierre *sive* Jean Borg**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula minn Jean Pierre Borg ("id-debitur") biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'deċiżjoni ta' din il-qorti tat-30 ta' Settembru 2016, wara li titħassar dik id-deċiżjoni għax l-intimat igħid illi applikat il-liġi ħażin (art. 811 para. (*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Il-fatti relevanti huma dawn:

3. B'sentenza mogħtija fid-19 ta' Ottubru 2015 il-Qorti tal-Ewwel Grad ta' Ġinevra fl-Isvizzera iddeċidiet hekk:

> »The Court of First Instance
>
> »1. hereby orders Jean-Pierre Borg to pay the amount of CHF 6,382,769.50 plus interest at 12% from 8 February 2012 to *BNP Paribas (Suisse) SA*;
>
> »2. hereby orders Jean-Pierre Borg to pay an amount of CHF 49,650 to *BNP Paribas (Suisse) SA*;
>
> » … … …
>
> »4. hereby orders Jean-Pierre Borg to pay an amount of CHF 40,000 by way of legal costs to *BNP Paribas (Suisse) SA*.«

4. B'rikors tad-19 ta' Novembru 2015, magħmul "a tenur tal-artikolu 825A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u tar-Regolament 17 tar-Regoli Dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (L.S. 12.09) dwar l-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' tribunali ta' pajjiżi barra minn Malta u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 u taħt l-artikoli 54 u 58 tal-Konvenzjoni ta' Lugano dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u esekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali", is-soċjetà *BNP Paribas (Suisse) SA* ["il-kreditriċi"] talbet illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:

> »… … … jogħġobha tordna l-esekuzzjoni ġewwa Malta (1) tal-ordni għal ħlas tal-kapital, interessi u spejjeż tal-Qorti Lokali ta' Geneva tar-Repubblika Helvetika datata 17 ta' Lulju 2015, numru ta' riferenza JTP1/8455/2015 ottenuta mir-rikorrenti *BNP Paribas (Suisse) SA* kontra Jean Pierre Borg, u (ii) tal-ordni għal ħlas tal-kapital, interessi u spejjeż tal-Qorti Lokali ta' Geneva tar-Repubblika Helvetika datata 17 ta' Lulju 2015[1], u tawtorizza lill-istess esponenti *nomine* jesegwixxi l-istess ordnijiet kontra l-intimat Jean Pierre Borg bil-fakoltajiet u drittijiet kollha illi l-liġi Maltija takkorda għall-esekuzzjoni ta' sentenzi ġewwa Malta.«

---

[1] Ma jidhirx li kien hemm żewġ ordnijiet għall-ħlas ta' kapital, imgħax u spejjeż. It-tieni ordni li tirreferi għaliha s-soċjetà rikorrenti x'aktarx hija l-ordni għall-ħlas tal-ispejjeż tal-qorti. Dawk l-ispejjeż iżda jitħallsu lill-qorti u mhux lir-rikorrenti.

5. Bi provvediment tal-15 ta' Diċembru 2015 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-kreditriċi.

6. Id-debitur appella b'rikors tad-19 ta' Frar 2016 li għalih il-kreditriċi wieġbet fl-14 ta' Marzu 2015. B'deċiżjoni tat-30 ta' Settembru 2016, li tagħha qiegħed issa jintalab it-tħassir, din il-qorti irriformat id-deċiżjoni tal-15 ta' Diċembru 2015:

> »… … … billi tħassarha fejn ordnat l-esekuzzjoni tas-sentenza estera tas-17 ta' Lulju 2015, u tikkonfermaha għall-bqija; tordna li l-istess sentenza estera hija esegwibbli hawn Malta, b'dan li l-imgħax irid jiġi ikkalkulat kif stabbiliet il-Qorti Svizzera, iżda b'rata ta' tmienja fil-mija (8%).
>
> »L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kollha inkluż dawk in prim'istanza, in kwantu għall-kwart (¼) mill-attur *nomine* u tliet kwarti (¾) mill-konvenut.«

7. Ir-raġunijiet li wasslu lil din il-qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

> »… … … f'din il-kawża l-attur *nomine* talab li tkun enforzabbli lokalment sentenza li ngħatat favur tiegħu gewwa l-Iżvizzera datata 17 ta' Lulju 2015. L-ewwel qorti, wara li qieset li saret il-prova dokument-ali kif rikjest mir-Regolament relattiv, laqgħet it-talba.
>
> »Il-konvenut appella mis-sentenza, u ressaq tliet aggravji: (i) li l-ordni ta' esekuzzjoni tas-sentenza hija irrita u nulla; (ii) li s-sentenza estera tmur kontra l-ordni pubbliku Malti peress illi (a) kien hemm nuqqas ta' liċenzja skont l-Att dwar is-Servizzi Finanzjarji sabiex is-soċjetà estera topera bħala istituzzjoni ġudizzjarja [*recte*, finanzjarja], u (b) ordnat ħlas ta' mgħax kontra d-dispozizzjonijiet tal-liġi Maltija.
>
> »Trattat l-appell, din il-qorti trid tirrileva, fl-ewwel lok, illi bis-saħħa tar-Regolament stess hija prekluża milli teżamina mill-ġdid il-każ għal dak li hi s-sustanza tiegħu, u lanqas ma tista' tagħmel stħarriġ ġudizzjarju (fis-sens ta' "*review*") tad-deċiżjoni estera.
>
> »Dwar l-ewwel aggravju, din il-qorti tgħid li fil-waqt li hu veru li din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Frar 2013, fil-kawża fl-ismijiet <u>Zammit Maempel *nomine v. European Insurance Group Ltd*</u>, għamlet distinzjoni bejn li tiddikjara esekwibbli s-sentenza estera u li tordna l-esekuzzjoni tal-istess sentenza, u osservat li l-aħħar ordni mhux permessibbli taħt ir-Regolament, f'dan il-każ, apparti talba għal ordni għall-esekuzzjoni, saret talba wkoll għal awtorizzazzjoni biex ir-rikorrenti *nomine* jesegwixxi sentenza estera, li tista' tiġi assimilata għal dikjarazzjoni ta' esekwibbilità tas-sentenza estera. Għalhekk,

filwaqt li l-ewwel talba attriċi tista' titqies mhux ammissibbli, mhux l-istess jista' jingħad dwar it-tieni talba li tista' allura, tiġi milqugħa.

»Fil-kuntest tal-aggravju marbuta man-nuqqas ta' liċenzja da parti tas-soċjetà estera għall-għoti ta' self, jirriżulta, bħala fatt, li dik is-soċjetà ma kellhiex liċenzja għal dak il-għan kif meħtieġ skont l-artikolu 3(1) tal-Att dwar is-Servizzi Finanzjarji (Kap. 376 tal-Liġijiet ta' Malta). Jirriżulta wkoll li l-attività prinċipali tas-soċjetà estera huwa "*to grant loans*". Il-konvenut jissottometti wkoll illi s-self li ngħata lill-konvenut mis-soċjetà estera effettivament ingħata ġewwa Malta, u mhux ġewwa l-Isvizzera, u s-self, isostni, huwa null għax milqut b'kawża illeċita. Apparti l-kwistjoni dwar jekk din il-liġi Maltija għandhiex tingħata effett extra-territorjali biex tolqot ukoll soċjetajiet esteri, l-aħħar ġurisprudenza ta' din il-qorti hi fis-sens li ksur ta' dik il-liġi tista' twassal għat-teħid ta' proċeduri kriminali fil-konfront ta' min ikun hekk aġixxa, però ma jwassalx biex is-self, ossija il-kuntratt innifsu, jitqies bħala null jew attività illeċita. Dan qalitu din il-qorti fil-kawża Bonett *v.* Borg deċiża fis-6 ta' Ottubru 1999. Dak kien każ taħt il-liġi tal-banek (Att XV tal-1994) li wkoll kienet tirrikjedi liċenzja għal min jeżerċita negozju ta' istituzzjoni finanzjarja. Din il-qorti qalet li l-validità tas-self kienet ħaġa li ma tiddipendix mill-konsegwenzi legali li jistgħu jitnisslu mill-ksur ta' liġi amministrattiva. L-istess osservat il-qorti Svizzera f'dan il-każ.

»Fir-rigward tal-aggravju marbut mal-imgħax, il-liġi ta' Malta tipprojbixxi r-reklam ta' mgħax li jaqbeż it-8%, u talba għall-ħlas ta' mgħax in eċċess hija meqjusa bħala użura kondannabbli anke bil-liġi kriminali; tali restrizzjoni hija meqjusa ta' ordni pubbliku tant li lanqas tista' twassal għall-ħolqien ta' obbligazzjoni naturali (ara Farrugia *v.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali, deċiża minn din il-qorti, sede inferjuri, fid-19 ta' Ottubru 2005). Hu veru li fit-termini tar-Regolamenti dwar Eżenzjoni mir-Rata ta' Imgħax (Avviż Legali 142/2009) il-gvern qies validu ftehim ma' ċerti entitajiet esteri li jikkontempla ħlas ta' mgħax aktar għoli mit-8%, daqs kemm jippermetti imgħax li jeċċedi l-ammont ta' kapital dovut. Din il-qorti, però, ma għandhiex il-prova li s-soċjetà attriċi tissodisfa l-kriterji li l-avviż legali jqis meħtieġa biex soċjetà estera tista' titqies bħala "entità magħżula" għall-fini ta' dik il-liġi, u ma tistax, allura, taċċetta l-validità tal-ordni tal-qorti Svizzera għall-ħlas ta' mgħax bi 12%. Bħala fatt, anzi, jirriżulta li s-soċjetà attriċi ma għandhiex liċenzja bankarja lanqas ġewwa l-Isvizzera. Il-fatt li l-leġislatur Malti illimita l-każijiet fejn ftehim fuq imgħax ta' aktar minn 8% jista' jitqies validu jikkonferma kemm din ir-restrizzjoni hija meqjusa ta' interess nazzjonali u ta' ordni pubbliku.

»Kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawża *Schoeller International GmbH v.* *Ellul et*, deċiża fis-26 ta' Ottubru 2001:

> »"Sentenza ma titqiesx li tmur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta għar-raġuni biss illi, li kieku l-kawża nstemgħet u nqatgħet hawn Malta, kienet tinqata' mod ieħor; tmur kontra l-ordni pubbliku jekk toħloq konflitt ma' dawk il-prinċipji ewlenin tal-ordni ġuridiku li huma l-qofol tas-sistema legali billi jħarsu l-valuri l-aktar fondamentali tas-soċjetà fejn ikun fis-seħħ dak l-ordni."

»Fil-fehma ta' din il-qorti, talba għall-ħlas ta' mgħax li teċċedi t-8% hi milquta bl-użura, u dik l-ordni hija soġġetta għar-riduzzjoni skont il-liġi. L-użura huwa kunċett fondamentali fl-ordinament ġuridiku Malti, u ħlief fil-każijiet espressament eżenti mil-liġi l-qorti ma tistax tqis esegwibbli sentenza estera safejn ordnat ħlas ta' mgħax li jeċċedi t-8%.«

8. B'rikors tal-4 ta' Novembru 2016 id-debitur talab illi l-appell jinstema' mill-ġdid wara li titħassar id-deċiżjoni tal-15 ta' Diċembru 2015 għax igħid illi applikat il-liġi ħażin (art. 811 para. (*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-kreditriċi wieġbet fl-14 ta' Novembru 2016.

9. Billi l-kreditriċi ressqet eċċezzjoni illi l-proċedura ta' ritrattazzjoni taħt l-artt. 811 *et seqq.* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma tgħoddx għall-każ tallum, il-qorti sejra tibda billi tqis dik l-eċċezzjoni għax, jekk tintlaqa', il-każ jieqaf hawn. L-eċċezzjoni ġiet imfissra hekk:

> »Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Settembru 2016 fil-kawża fl-ismijiet premessi hija finali u m'hemmx lok għal ritrattazzioni *stante* illi d-disposittivi tal-artikolu 811(*e*) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx fil-każ in eżami *stante* illi preliminarjament ir-Regolament 44 tal-2001 tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Diċembru 2000 fl-artikolu 43 tal-istess Regolament kif ukoll l-artikolu 54 u 58 tal-Konvenzjoni ta' Lugano ma jagħti ebda dritt għal ritrattazzjoni.
>
> »Illi r-raġuni hija sempliċi *stante* li hawn *si tratta* ta' rikonoxximent u infurzar ta' sentenzi ta' deċiżjonijiet ċivili u kummerċjali mill-Unjoni Ewropea u mill-Unjoni Helvetika [*recte*, Konfederazzjoni Elvetika]. Kif jirriżulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell *ai termini* tal-artikolu 36 tar-Regolament 44 tal-2001 tal-Kunsill Ewropew kif ukoll tal-artikolu 36 tal-Konvenzjoni ta' Lugano, bis-saħħa tar-regolamenti fuq imsemmija l-qorti maltija hija prekluża milli teżamina mill-ġdid il-każ għal dak li hi s-sustanza tiegħu u lanqas ma tista' tagħmel stħarriġ ġudizzjarju fis-sens ta' *review* tad-deċiżjoni estera.
>
> »Illi dan ifisser li l-kundanna għal ħlas ta' debitu dovut lil [*recte*, minn] Jean Pierre Borg hija finali u dak li ġie deċiż mill-qrati Maltin huwa l-awtorizzazzjoni għall-esekuzzjoni tas-sentenza estera li torbot in konfront mal-intimat fil-ġurisdizzjoni Maltija.
>
> »Illi l-artikolu 43 tar-Regolament 44 tal-2001 tal-Kunsill Ewropew u l-artikolu 43 tal-Konvenzjoni ta' Lugano jagħti d-dritt għall-appell minn deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili però ma tagħtix id-dritt ta' ritrattazzioni *ai termini* tal-istess liġi.
>
> »Illi effettivament ċerti ġurisdizzjonijiet fl-Ewropa għandhom id-dritt ta' appell ogħla quddiem qrati ogħla f'pajjiżhom bħal Qorti ta' Kassazzjoni u dan kif jirriżulta mir-Regolament 44 tal-2001 tal-Kunsill tal-Ewropa [*sic.*]
>
> »Illi r-Regolament 44 - Annex IV tal-Konvenzjoni ta' Lugano tistipula b'mod ċar u inekwivoku illi "*the judgment given on the appeal may be contested only by the appeal referred to Annex IV*". Isegwi illi Annex IV

tal-istess Konvenzjoni ta' Lugano tgħid illi "*in Malta no further appeal lies to any other court*".

»Illi ġaladarba l-ebda qorti Maltija ma tista' teżamina mill-ġdid il-każ ta' dak li hi s-sustanza tiegħu ossija l-kundanna tal-pagament dovut mir-ritrattant lir-ritrattat *ergo* jsegwi illi l-Prim'Awla tat-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Appell diġà eżaminat il-każ in mertu *ai termini* tar-Regolament 44 tal-2001 tal-Kunsill Ewropew u tal-artikolu 54 u 58 tal-Konvenzjoni ta' Lugano u għalhekk il-lanjanzi mtella' mir-ritrattant huma frivoli u vessatorji f'dan l-istadju u huma intiżi biss bħala tentattiv għad-delungar tal-proċeduri u ma jistgħux jerġgħu jitqajjmu fl-istadju tal-appell wisq inqas li terġa' tintalab ir-ritrattazzjoni ġaladarba l-Qorti tal-Appell diġà eżaminat dawn il-lanjanzi intavolati mir-ritrattant.«

10. Għandu jingħad, qabel xejn, illi peress illi l-Isvizzera mhijiex stat membru tal-Unjoni Ewropea, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 (u r-Regolament (UE) numru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 li daħal fis-seħħ flok ir-Regolament 44/2001 għal "proċedimenti legali istitwiti … wara l-10 ta' Jannar 2015") ma jgħoddux għall-każ, u l-materja hija regolata bil-Konvenzjoni dwar il-Ġurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Esekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali ["il-Konvenzjoni ta' Lugano tal-2007"].

11. L-artt. 43 u 44 tal-Konvenzjoni ta' Lugano tal-2007 igħidu hekk, fil-parti relevanti:

»ARTIKOLU 43

»1. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà tista' tiġi appellata minn kwalunkwe parti.

»… … …

» ARTIKOLU 44

»Is-sentenza mogħtija fl-appell tista' tiġi kkontestata biss bl-appell imsemmi fl-Anness IV.«

12. L-Anness IV imbagħad igħid illi:

» f'Malta: ma jistax isir appell ieħor quddiem ebda qorti oħra; … … …«

13. Peress illi talba għal ritrattazzjoni hija "kontestazzjoni", il-proċedura tintlaqat bl-art. 44. Billi, f'Malta, ma hemmx grad ieħor ta' appell ma tistax issir kontestazzjoni ulterjuri, la b'appell u lanqas b'talba għal ritrattazzjoni.

14. Għal din ir-raġuni t-talba għat-tħassir tad-deċiżjoni tat-30 ta' Settembru 2016 la setgħet issir u lanqas tista' tintlaqa'. Ma jibqax meħtieġ li l-qorti tqis il-meritu tal-aggravji tad-debitur.

15. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talbiet magħmula bir-rikors tal-4 ta' Novembru 2016. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom id-debitur Jean Pierre *sive* Jean Borg.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Noel Cuschieri<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df